**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Gunju, 2016

Rikors Nru : 18/16 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi hija zzewget lill-intimat nhar it-23 ta' Lulju 1988 (Dok A);

Illi miz-zwieg taghhom m'hemmx tfal;

Illi l-konjugi D isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tal-10 ta' Marzu 1993 (Dok B) u ghalhekk ilhom 22 sena separati;

Illi m'hemm l-ebda cans ta' rikociljazzjoni peress li llum it-tnejn ghandhom il-hajja privata taghhom;

Illi m'hemm l-ebda hlas ta' manteniment pendenti bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk hemm ir-rekwiziti kollha tal-ligi mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 (B) tal-Kodici Civili;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li ma ghandux l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Marzu 1993 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna

lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.